MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2006

Numru. 228/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**MARY ASCIAK bint Pius u Angela nee' Buhagiar imwielda fit-tmienja ta' Jannar 1956 u residenti 'Sun Valley Flats, Flat 1, Triq l-Ghar ta' Ninu, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 3956G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **MARY ASCIAK** bint Pius u Angela nee' Buhagiar imwielda fit-tmienja ta' Jannar 1956 u residenti 'Sun Valley Flats, Flat 1, Triq l-Ghar ta' Ninu, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 3956G

giet imressqa quddiemha u fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzata talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-tlettax [13] ta' Awissu 2005 bhala *hawker* f'Ramla Bay – Ramla, naqset, jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax - il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;

Talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqset jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax - il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat d-dokumentazzjoni ppresentata mill-prosekuzzjoni u cioe d-dokumenti SP 1, SP 2, SP 3 u SP 4.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha ta' Lulju 2006 fil-presenza tal-avukat difensur taghha ghal l-akkuza odjerna fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputata wiegbet li hija hatja li din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid terga lura minnha u kien wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputata, l-Qorti tiddikjara li qed issbha hatja tal-akkuza kif dedotti kontra taghha.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 51, 77(a)(e), 81, 82(2) tal-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

**Tiddikjara li ssib lil imputata MARY AXIAK hatja tal-akkuza kif dedotta fil-konfront taghha fuq ammissjoni taghha stess u tikkundannaha ghal hlas ta’ multa ta’ tlett mitt lira maltin, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin. Fin-nuqqas li l-imputat ma jhallasx pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------